MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. MĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum 27 ta' Ġunju, 2016

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 720/16 LM

**Marcelle Micallef detentrici tal-karta tal-identità numru 188959M**

**vs.**

**Mario Micallef detentur tal-karta tal-identità numru 436755M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **Marcelle Micallef** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti") ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2016, li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti għandha interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti, sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, tixtieq iżżomm l-intimat milli b'xi mod ibiegħ, jittrasferixxi, jassenja jew b'xi mod ieħor jiddisponi jew jaggrava b'xi piż jew dejn il-maisonette bl-isem Jajade, li jinsab fil-first (1st) floor level, sovrastanti ħanut class IV u sottostanti maisonette ieħor propjetà tal-kumpanija Nicole's Company Limited jew l-aventi kawża, fi Triq il-Belt Valletta, Qormi, inkluż żewġ kmamar fuq il-bejt u parti diviża tal-bejt tal-kejl ta' ċirka erbgħin metri kwadri, konfinanti mit-Tramuntanta ma' parti oħra tal-bejt proprjetà tal-kumpannija Nicole's Company Limited jew l-aventi kawża, mill-Punent ma' beni ta' Mario Gatt u mil-Lvant ma' beni ta' Reno Buttigieg jew irjieħat verjuri u aktar preċiżi;*

*Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' sentenza mogħtija nhar it-23 ta' Mejju, 1995, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Marcella Micallef f'isimha propju u bħala kuratriċi ad litem ta' wliedha minuri Ottile, Jovanca u Luana aħwa Micallef kif awtorizzata li tipproċedi bid-digriet tas-Sekond'Awla numru 325/90 nominata b'digriet ta' din il-Qorti tat-18 t'April, 1990 vs Mario Micallef (kopja annessa u mmarkata Dokument A);*

*Illi skont l-istess sentenza, l-intimat ġie kkundannat iħallas lil martu l-esponenti: "bħala manteniment għaliha kwart ta' dak kollu li huwa jipperċċepixxi mix-xogħol li huwa jista' jagħmel jew minn kwalsiasi <u>fonti oħra</u> u kwart ieħor iħallashom lill-attriċi bħala manteniment dovut għall-ulied minuri; peress illi mir-riżultanzi proċesswali jidher li l-konvenut bħalissa mhuwiex qiegħed jaħdem allura għandu jħallas biss (sakemm jibqa' ma jaħdimx) manteniment ta' żewg liri (Lm2) fil-ġimgħa għall-attriċi personalment u tnax-il lira (Lm12) fil-ġimgħa għall-imsemmija wlied minuri (...omissis)";*

*Illi minkejja li għaddew għoxrin sena, l-intimat qatt ma vversa manteniment għall-esponenti jew għal uliedu, u dan minkejja li huwa kien jaħdem bi qligħ u dan kif ser jigi ppruvat ampjament f'kawża ad hoc li ser tiġi intavolata fil-jiem li ġejjin;*

*Illi bħala stat ta' fatt l-uniku manteniment illi l-esponenti rċeviet tul dawn l-aħħar snin, wara li ngħatat l-imsemmija sentenza tan-1995, kienet is-somma ta' €731.62 li hija rċeviet darba biss, mingħand is-Sigurtà Soċjali, u li skont Dokument B, jidher illi huma parti mill-ħlas tas-servizzi soċjali li kien ipperċepixxa l-intimat; u reċentement hija qed terġa' tibda tirċievi l-ħlas mingħand is-Servizzi Soċjali liema huwa minimu;*

*Illi b'digriet tal-1 t'Ottubru, 2015 (Dokument C) wara talba mressqa mir-rikorrenti, is-sentenza fuq ċitata, stante t-trapass ta' iktar minn għaxar snin, ġiet reża eżegwibbli ai termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi kif ser jiġi ppruvat ampjament fis-smigħ tal-inibizzjoni odjern, tant l-intimat kellu dħul matul is-snin, illi huwa għamel diversi negozji fi proprjetajiet differenti;*

*Illi għalhekk l-esponenti qiegħda tipprosegwi quddiem dina l-Onorabbli Qorti ħalli l-istess Qorti tipprovdi fuq it-talbiet tal-esponenti u żżomm lill-intimat milli jiddisponi bi kwalunkwe mod minn din il-propjetà;*

*Illi mill-premess jirriżulta l-prima facie dritt u l-preġudizzju irrimedjabbli li ser issofri l-esponenti kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti ma toħroġx l-istess mandat.*

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Mejju, 2016 li permezz tiegħu laqgħet provviżorjament it-talba tar-rikorrenti.

Rat illi r-rikors promotur ġie notifikat lill-intimat Mario Micallef fit-2 ta' Ġunju, 2016.

Rat risposta tal-intimat **Mario Micallef** (minn issa 'l quddiem l-intimat) li ġiet ippreżentata fil-15 ta' Ġunju, 2016 li taqra kif ġej:

> *Illi huwa joġġezzjona għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub u dan għaliex kif ser jirriżulta wkoll waqt it-trattazzjoni orali ta' dan ir-rikors, anki minn sempliċi qari tar-rikors promotur ta' din il-proċedura jidher evidenti li ma jeżistux l-elementi rikjesti mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat odjern u b'mod partikolari ma jirriżulta b'ebda mod xi tip ta' preġudizzju irrimedjabbli li r-rikorrenti tista' ssofri jekk ma jiġix ordnat il-ħruġ tal-istess mandat.*
>
> *Illi għalkemm forsi mhux daqstant rilevanti f'dan l-istadju, l-esponent jirrileva li mhuwiex minnu li huwa għamel diversi negozji fi proprjetà kif tallega r-rikorrenti. Li huwa rilevanti żgur però huwa li permezz ta' proċeduri separati ta' subbasta fuq l-istess proprjetà odjerna, ir-rikorrenti kienet iddikjarat formalment illi l-ammont lilha dovut kien ta' €9,713.29 (kalkolu tagħha li mhux neċessarjament jaqbel miegħu l-esponenti).*
>
> *Illi huwa rilevanti wkoll li jingħad illi l-proċeduri ta' subbasta (u l-mandat ta' qbid ta' immobbli li dan iġib miegħu) suriferiti ġew ċeduti volontarjament u inkondizzjonatament mir-rikorrenti u għalhekk wieħed*

*ma jistax jifhem kif issa f'daqqa waħda qed tesiġi mandat kawtelatorju sabiex tikkawtela dak li skont hi sa ġranet ilu kien titolu eżekuttiv favur tagħha.*

*Illi apparti hekk fl-istess proċeduri ġara wkoll illi rriżulta li ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti kien ġie annullat fuq talba tal-istess rikorrenti u konsegwentement id-dritt illi tirċievi manteniment għaliha ġie estint filwaqt li kull manteniment pagabbli għall-minuri safa preskritt.*

*Illi dak li huwa ferm sbalordittiv huwa li r-rikorrenti u l-esponenti Mario Micallef kellhom tliet ulied miż-żwieġ tagħhom li però illum għandhom rispettivament 33 sena, 35 sena u 37 sena. Dan ifisser li l-obbligu tal-ħlas tal-manteniment tagħhom ilu li spiċċa sa mis-sena 2000, 1998 u 1996 rispettivament u għalhekk jidher illi r-rikorrenti qiegħda addirittura titlob li tikkawtela kreditu mhux talli mhux kanonizzat b'ġudikat iżda addirittura totalment ineżistenti.*

*Illi finalment huwa ferm opportun illi jiġi rilevat illi mis-sena 1995 sal-ġurnata preżenti, ir-rikorrenti baqgħet fi stat ta' inertia totali billi la informalment u wisq inqas formalment ma resqet xi talba jew pretensjoni għall-ħlas ta' manteniment bil-mod kif qed tirreklamah issa wara aktar minn 20 sena. Il-fatt waħdu li l-esponenti kienet komda tistenna għall-20 sena minnu nnifsu juri li żgur li mhux ser issofri xi preġudizzju irrimedjabbli jekk ma jiġix akkont dan il-mandat.*

Rat id-dokumenti esibiti.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2016 fejn ir-Rikors tħalla għal digriet kamerali.

**Ikkunsidrat:**

Huma tlieta l-elementi li għandhom jirriżultaw lill-Qorti sabiex tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inbizzjoni:-

(a) L-intimat qiegħed jagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lir-rikorrent;

(b) Imbagħad li jkun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu d-dritt li jimpedixxi lill-intimat li jagħmel dik il-ħaġa li biha jista' jarrekalu ħsara; u

(ċ) Fl-aħħar nett li l-mandat ikun neċessarju biex jiġi konservat dak id-dritt tar-rikorrent.

Ili fil-kawża fl-ismijiet **Giacomo Galea vs. Pio Bezzina** deċiza fil-5 ta' Awwissu, 1954[1], il-Qorti tal-Appell osservat li fi proċeduri għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni *"dawn huma t-tliet indaġnijiet li l-Qorti għandha tagħmel f'din il-kawża"*.

Illi kif sewwa qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Connie Galea et vs. Joseph Gauci** deċiża fis-7 ta' Ottubru, 1997:-

> "il-mandat ta' inibizzjoni huwa wieħed mill-atti intiżi biex jikkawtela d-dritt. Trid għalhekk tinżamm distinzjoni netta bejn l-att kawtelatorju u d-dritt kawtelat.
>
> Fid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12)

[1] Vol. XXXVIII.i.336.

> li jirregolaw l-atti kawtelatorji, fosthom il-mandat ta' inibizzjoni, insibu l-artikolu 829 li jiddisponi li kull persuna tista', mingħajr ma hu meħtieġ li qabel ikun hemm deċiżjoni, tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha b'xi wieħed jew iżjed mill-mandati kawtelatorji msemmijin fl-istess titolu VI tal-Kodiċi ċitat li jiġu maħruġa u esegwiti taħt ir-responsabbiltà tagħha. L-artikolu 873 imbagħad speċifikament fuq il-mandat ta' inibizzjoni jiddisponi li l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu biex iżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa, tkun xi tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat. Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat ta' inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet ta' min jitlob il-ħruġ tal-mandat u li *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet".

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfre (08.04.1988)** il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkummentat hekk dwar ir-rekwiżit tal-*prima facie*:-

> "It-tieni rekwiżit, u ċjoè 'li dan ir-rikorrenti *prima facie* jidher li għandu dawn il-jeddijiet' huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.".

Illi t-tielet rekwiżit huwa l-periklu li l-kreditu pretiż jiġi eluż sakemm id-dritt dedott jiġi aċċertat permezz ta' sentenza li tgħaddi f'ġudikat wara kawża fil-mertu: l-hekk imsejjaħ *periculum in mora.* Il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi għall-akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat".

Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-

element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.[2]

**Ikkunsidrat:**

Illi mir-riċerka magħmula min-Nutar Mariella Mizzi[3] jirriżulta li l-unika proprjetà immobbli li jippossjedi l-intimat hija dik indikata fir-rikors promotur.

Illi r-rikorrenti istitwiet proċedura ta' subbasta abbażi tat-titolu eżekuttiv naxxenti mis-sentenza tat-23 ta' Mejju, 1995 u b'verbal tas-16 ta' Marzu, 2016 żammet ferm it-talba tagħha għal €9,713.29 manteniment u rrinunzjat kull ammont ieħor.[4] B'nota tas-16 ta' Mejju, 2016 ir-rikorrenti ċediet l-atti tas-subbasta biex tiddirieġi ruħha aħjar.[5] Dan għamlitu għaliex il-Qorti, diversament preseduta, indikatilha li ma setax ikollha titolu eżekuttiv fuq ammont mhux likwidat.

Illi b'sentenza tat-23 t'Awwissu, 2013 iż-żwieġ bejn ir-rikorrenti u bejn l-intimat ġie dikjarat null mit-Tribunal Reġjonali (Ekkleżjastiku) tat-Tieni Istanza, billi l-intimat kien psikoloġikament inkapaċi li jwettaq id-dmirijiet tiegħu ta' raġel miżżewweġ. Il-partijiet jaqblu li din is-sentenza ma ġietx irreġistrata fil-

[2] Ara digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiż fit-2 ta' Jannar, 1993 - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Avukat Victor Borġ Grech vs. Joseph Gasan et noe**.
[3] Fol 34 et seq.
[4] Fol 88.
[5] Fol 89.

Qorti tal-Appell. Għalhekk għall-finijiet tal-liġi ta' Malta din is-sentenza ma teżistix.

Illi jirriżulta li r-rikorrenti ġiet akkordata l-manteniment kontra l-intimat u dan abbażi tas-sentenza li ppronunzjat is-separazzjoni personali bejniethom u akkordatilha l-manteniment. Ġaladarba inqala' dubbju dwar l-eżekuttività tal-kreditu dovut bħala manteniment, ir-rikorrenti ma setgħetx tkompli bil-proċeduri tas-subbasta. Għalhekk fil-fehma tar-rikorrenti hija tinstab kostretta tagħmel kawża biex jiġi ddeterminat l-ammont ta' kreditu talvolta dovut lilha bħala manteniment, li hija tikkalkula fis-somma ta' €9,713.29, nofsha għaliha u n-nofs l-ieħor għal ulied il-partijiet. U t-talba tagħha għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat qiegħda ssir sabiex dan il-pretiż kreditu ma jiġix eluż fil-mori tal-proċeduri bil-bejgħ mill-intimat tal-unika proprjetà immobbli li jippossjedi.

Illi l-intimat jirribatti billi jsostni li hemm il-preskrizzjoni, jekk mhux għall-parti tal-manteniment dovut lir-rikorrenti proprio[6], għal dik il-parti dovuta bħala manteniment għall-ulied inkwantu dan il-manteniment żgur ma jistax jiġi kolpit mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2123A tal-Kap. 16. Dawn l-eċċezzjonijiet iżda jappartjenu evidentement għall-mertu tal-każ u ma jneħħu xejn mis-sussistenza *prima facie* ta' dritt tar-rikorrenti, anke jekk dan għad jirriżulta mhux fondat.

[6] Billi kif tirrileva r-rikorrenti, skont Artiklu 2123A tal-Kap. 16 il-preskrizzjoni ma timxix bejn ir-raġel u l-mara miżżewġin.

Illi l-istess jgħodd għall-eċċezzjoni l-oħra tal-intimat li l-kawża tad-dikjarazzjoni tan-nullità taż-żwieġ bejn il-kontendenti tħassar iż-żwieġ *ab initio* u allura tikkanċella kull jedd għall-manteniment. Apparti li din il-propożizzjoni legali hija dubjuża billi ż-żwieġ ġie dikjarat null mit-Tribunal Ekkleżjastiku tort tal-intimat, xorta waħda jibqa' l-fatt li din is-sentenza m'għandha l-ebda effett bejn il-partijiet għax mhux irreġistrata fil-Qorti tal-Appell kif trid il-liġi ta' Malta. Xejn ma jiswa li tista' tiġi rreġistrata f'kull ħin u kull mument. S'issa għadha mhix irreġistrata. Is-sentenza ċertament ma tneħħi xejn mill-apparenza ta' jedd *prima facie* tar-rikorrenti.

Illi l-partijiet ilhom isseparati għal snin twal u l-ulied ilhom snin li laħqu l-età maġġorenni. Sadanittant l-intimat bena familja oħra u xtara u biegħ fond immobbli bħala l-post tar-residenza tiegħu għal iktar minn darba. Ir-rikorrenti fl-ebda waħda minn dawn l-okkażjonijiet ta' xiri u bejgħ ma ħasset il-ħtieġa li tikkawtela l-jeddijiet tagħha. Mhux talli hekk talli lanqas biss talbet lil żewġha biex iħallasha tal-manteniment. B'danakollu, jibqa' l-fatt li issa l-intimat huwa pensjonant u ma jidhirx li għandu introjtu għajr mis-Servizzi Soċjali u lanqas jirriżulta li għandu assi x'jagħmlu tajjeb għall-kreditu pretiż mir-rikorrenti ħlief l-immobbli li ġie indikat fir-rikors promotur. Billi għandu familja oħra, jista' faċilment jittrasferixxi sehmu mill-uniku immobbli li jippossjedi favur xi membru ta' din il-familja, inkella jgħabbi b'xi piż l-istess fond, u b'hekk jeludi l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti. B'hekk il-kreditu pretiż mir-rikorrenti, fil-każ li jirriżulta ppruvat, jista' jiġi eluż bi preġudizzju irrimedjabbli għar-rikorrenti.

**<u>Decide</u>**

**Għalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati kif mitlub fir-Rikors. Tordna illi ai termini tal-Artikolu 874(3) tal-Kap. 12 dan il-Mandat jiġi notifikat mir-Reġistratur tal-Qrati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali fil-kawża dwar il-mertu.**

Mogħti kameralment.